MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 299/2014

**GO plc**
**(C-22334)**

**vs**

**Debono Jason**
**(ID-358272M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici GO plc (C-22334) ta' Triq Fra Diegu, Marsa, li qed tidher hawnhekk f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Mobisle Communications Limited (C-24655) kif debitament awtorizzata, qed tinterpella lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' elf seba' mija erbgha u sebghin ewro u dsatax-il centezmu

(€1,774.19c), ammont dovut lill-istess socjeta’ mittenti in kwantu ghal elf erba’ mija tnejn u hamsin ewro u sebgha u disghin centezmu (€1,452.97c) in konnessjoni ma’ Laptop Connect (AC51014906), flimkien ma’ tlett mija wiehed u ghoxrin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€321.22c) in konnessjoni ma’ servizz ta’ internet fuq 21696822 (AC40124183), flimkien mal-ispejjez, imghaxijiet u drittijiet legali.

Fejn applikabbli, l-ammont fuq imsemmi jinkludi l-penalitajiet ghat-terminazzjoni anticipata tal-kutratti.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti.

Ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati bhala Dok.“A” – Prospett – AC 51014906 , Dok.“B” – Prospett – AC 40124183, Dok.“C” – Kuntratt datat 21 ta’ April 2009, Dok.“D” – Kuntratt datat 14 ta’ Jannar 2010, Dok “E” – Estratt Registru Elettorali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf seba’ mija erbgha u sebghin ewro u dsatax-il centezmu (€1,774.19c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------